**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Ottubru 2019**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 119/2019**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Agrinet Limited u**
**Carlo u Maria mizzewgin Pagliero**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-8 ta' Frar 2019 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini datat 1 ta' Awwissu 1997 (Dok. "A") is-socjeta attrici ikkoncediet facilita bankarja lis-socjeta Agrinet Limited.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta Agrinet Limited fis-somma ta' mitejn u disat elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u sitta u sittin centezmu (€209,988.66) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Agrinet Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa "B34") flimkien mall-imghax ulterjuri mill-5 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini datat ta' Awwissu 1997 (Dok. "A"), u fi skrittura privata datata 27 ta' Lulju 2000 (Dok. "C") il-konvenuti Carlo u Maria mizzewgin Pagliero ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Agrinet Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l,c. id-debiti tal-istess Agrinet Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi l-attrici nominee taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 23 ta' Ottubru 2018 li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "D" u Dok. "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn u disat elef, disa’ mija u tmienja tu tmenin ewro u sitta u sittin centezmu (€209,988.66) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Agrinet Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa "B34") flimkien mall-imghax ulterjuri mill-5 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta’ flus dovuti mill-konvenuti lis-socjeta attrici li ghalihom is-socjeta attrici qed tipprocedi f’gudizzju separat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 23 ta’ Ottubru 2008, kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lil bank attur is-somma ta’ mitejn u disat elef, disa’ mija u tmienja u tmenin ewro u sitta u sittin centezmu (€209,988.66) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Agrinet Limited mall-istess bank attur skont it-talba u dokumenti esebiti, flimkien mall-imghax ulterjuri mill-5 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur